MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2013

Numru. 712/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**vs**

**CARMELO MICALLEF**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Carmelo Micallef iben Carmelo u Paola xebba Gauci mwieled fil-11/10/1930 Rabat u joqghod 11, Triq San Publiju, San Pawl Il-Bahar. ID672730(M).

Gie akkuzat talli fl-10 ta' Dicembru 2009 ghall-habta tal-16:00hrs waqt li kien fi Triq Cassarino, San Pawl Il-Bahar, Volontarjament ikkaguna hsarat fuq vettura b'numru ta' registrazzjoni DBN631 tal-ghamla Landrover liema hsara

Tammonta ghal €800 (LM64.01) ghad-dannu ta' Rodrick Cucciardi

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Gererali esebit bhala Dok PS 4 u nnutat li l-imputat Carmelo Micallef m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur u Dr Jason Grima ghall-parte civile iddikjaraw li l-imputat hallas il-hsarat kollha rigwardanti dan il-kaz.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 325(1)(b)  tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Carmelo Micallef, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur u Dr Jason Grima ghall-parte civile kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza u li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, tillibera lill-istess imputat Carmelo Micallef taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Carmelo Micallef l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------